MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 904/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Carane Parnis (K.I. 564778M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tliet mija disgha w tlettin ewro u sitta u tmenin centezmi (€339.86) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Number* 421076 in rigward ghal servizi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Sema' lill-konvenuta tammetti taht gurament illi l-ammont fit-talba huwa dovut minnha u ghadu sal-lum dovut.

Illi l-konvenuta esprimiet fix-xhieda taghha li hija ma kienetx f'posizzjoni li thallas dan l-ammont u ghalhekk xtaqet illi hija thallas l-ammont dovut minnha ratejalment.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici pprovat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------